# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Silvio Magro]

vs

Gordon Portelli

Kumpilazzjoni Numru: 104/2021

Illum, 9 ta' Ottubru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Gordon Portelli** detentur tal-karta tal-identità numru 0146289M li gie akkuzat talli, bejn 24 ta' Frar 2020

u 13 ta' Awwissu 2020 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Ajruport Internazzjonali, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminjiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacità tieghu ta' ufficjal tal-pulizija bin-numru tas-servizz PC 1486

Ikkommetta serq ta' diversi oggetti (found items) liema serq ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-dannu tal-Gvern ta Malta, Sirkka Irene Matheson Cooney ta' nazzjonalità Finlandiza u/jew wkoll ta diversi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, persuna u lok u dan ai termini tal-artikoli 267, 268(d) u 269(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet Ta' Malta

Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu ghamel uzu hazin u seraq flejjes tal-Gvern jew tal-privat, dokumenti, u hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew jisraqhom u dan bi ksur tal-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz lid-Dipartiment tal-Gvern, fosthom lill-Korp tal-Pulizija, dan sabiex izomm ghalih oggett bi flus kontanti, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel tibdil fi skrittura propjeta tal-Korp tal-Pulizija dan sabiex izomm ghalih oggetti verji bi flus kontanti, u dan bi ksur tal-Artikolu 179 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kellu fil-pussess tieghu dokument mahrug minn awtorità kompetenti, cioè Passaport Finlandiz mahrug f'isem Sirkka Irene Matheson Cooney, ircieva u zamm dan id-dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta reati li kellu jissorvelja biex ma

jsirux jew li minhabba il-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi; u dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Frar 2021 li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jinstemghu b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda dan biddilha f'wahda ta' htija fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2023. Rat illi l-imputat kkonferma tali ammissjoni fis-seduta odjerna u konsegwentement ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza minnufih;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti;

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi l-uniku punt li din il-Qorti trid tiddibatti fuqu hija l-piena li ghandha tigi applikata fuq l-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih tenut kont tal-fatt li huwa kien ufficjal tal-pulizija.

Illi tul dawn il-proceduri hareg kif l-imputat wera bic-car id-dispjacir tal-azzjoni tieghu tant li rritorna r-*res furtiva* lura u sahansitra tilef ix-xoghol tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija. Fil-kors tal-proceduri semghet ukoll lill-ufficjal tal-Probation Leon Farrugia fejn gie mitlub mill-akkuzat sabiex isirlu *social enquiry report*. Illi minn dan ir-rapport hareg is-segwenti:

*"Konkluzjonijiet*

***Fatturi identifikati***

- *Gordon Portelli qed jigi akkuzat talli bejn l-24 ta' Frar 2020 u t-13 t'Awwissu 2020, gewwa l-ghassa tal-Pulizija Ajruport Internazzjonali, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal tal-pulizija bin-numru tas-servizz PC1486 ikkommetta serq ta' diversi oggetti.*

- *Minhabba n-natura tal-kaz l-Ufficjal tal-Probation hass li l-vittmi huma diversi, ma kienitx ser tkun prattika li dawn jigu intervistati, biss ghall-informazzjoni fuq dan il-kaz, wiehed jista' jaghmel referenza ghall-process tal-Qorti, a*

*fol. 49 sa. 56, fejn hemm ix-xhieda ta' Martina Mizzi u x-xhieda ta' Marion Bugeja. Dawn ix-xhieda saru fl-10 ta' Mejju 2021 quddiem din l-Onorabbli Qorti. Mizzi u Bugeja jghidu li huma kienu jahdmu fl-ajruport u kien ghalhekk li meta sabu portmoni li wara li staqsew diversi drabi s-sid teighu baqa' ma tfaccax huma haduh l-ghassa tal-ajruport.*

- *Harsa lejn il-fedina penali hemm indikat li l-imputat ghandu fedina penali netta.*

- *Harsa lejn it-trobbija ta' Gordon huwa jghid li kienet pjuttost normali fejn huwa kien jghix maz-zewg genituri flimkien ma' hutu. Il-missier kien jahdem bhala suldat u l-omm kienet tiehu hsieb l-affarijiet tad-dar. Minkejja din it-trobbija jidher li kien hemm xi zmien fl-adolexxenza fejn huwa kien jigi "bullied" hafna fejn dan il-"bullying" halla effett kbir fuq is-"self esteem" tieghu, xi haga li fl-eta' addolexxenti tkun krucjali hafna.*

- *Meta mbaghad induru fuq il-kompozizzjoni tal-familja attwali, l-imputat jinsab f'relazzjoni stabbli ma' Jerushia li issa din ir-relazzjoni ilha madwar 7 snin. Huwa jghix fid-dar ma' Jerushia u jispjega kif fid-dar hemm tghix ukoll il-kunjata u huma fix-xitwa jghixu fid-dar ta' Jerushia li tinsab Haz-Zebbug biex imbaghad fis-sajf imexxu kollox u imorru jghixu ix-Xghajra sabiex ikunu aktar vicin il-bahar.*

- *Fil-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport saret ukoll zjara fir-residenza 17, Serenita', Triq Frans Minuti, Xghajra fejn fiha fis-sajf jghixu l-imputat flimkien mas-siehba tieghu kif ukoll mal-kunjata. L-ambjent tad-dar huwa wiehed tajjeb fejn minn din iz-zjara wiehed seta jinduna li din id-dar hija wahda mizmuma sew.*

- *Fejn jidhlu vizzji, jidher li Gordon ma ghandux problemi inkwetanti u l-istess jista' jinghad ghal sahha kemm mentali kif ukoll sahha fizika fejn jidher li ma hemm bzonn tal-ebda interventi specifici. Sar kuntatt mal-*

*organizzazzjonijiet Caritas, Oasi u anke Sedqa, u hemm indikat li l-imsemmi qatt ma bbenefika minn dan l-aspett.*

- *Fuq l-aspett tal-impjieg wiehed ma jistax ma jinnotax li Gordon ghamel zmien twil bhala kuntistabbli tal-pulizija liema xoghol huwa jghid li ma kienx ghal qalbu u li ma kienx jitlaq ghaliex ma kienx jemmen li jista' jsib xoghol ahjar.*

- *Fil-mument Gordon jinsab f'impjieg bhala Environmental Ranger li huwa ghal qalbu hafna fejn huma sab dan iz-xoghol wara xi xhur li huwa kien minghajr xoghol. Huwa ihoss li fil-Korp tal-Pulizija huwa falla ghalhekk huwa sodisfatt hafna li fil-prezent qieghed f'impjieg li fih jista' jerga' jibda xi haga mill-gdid.*

- *Wiehed ta' min isemmi li l-imputat wera kooperazzjoni mal-Ufficjal tal-Probation matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport.*

***Pjan ta' Kura***

*Bhala pjan ta' kura wiehed iheggeg lill-imputat biex ikompli fit-triq it-tajba li sejjer fiha specjalment fejn jidhol l-aspett ta' impjieg fejn illum huwa jinsab kuntent f'impjieg stabbli. Barra minn hekk, wiehed ukoll iheggeg lill-imputat sabiex jesplora permezz ta' ghajnuna professjonali s-sentimenti tieghu kif ukoll il-hsibijiet tieghu fuq affarijiet zghar sabiex fil-futur huwa jemmen aktar fih innifsu."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation ma jistax jigi injorat u gialadarba din il-Qorti taqbel perfettament mar-rizultanzi hemmhekk raggjunti, u dan anke permezz li osservat l-atteggjament tal-imputat tul dawn il-proceduri li ghalhekk halliet certu trapass ta' zmien, jinghad li l-imputat ghandu jinghata opportunità sabiex jikkoregi l-izball li ghamel fil-passat u jibda pagna gdida izda jinghata piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 141, 267, 268(d), 269(d), 127, 188, 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat

**Gordon Portelli** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li mit-tieni (2) sal-hames (5) akkuzi huma mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin. Il-Qorti tordna wkoll l-interdizzjoni generali perpetwa fuq l-imputat u dan a bazi tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**